MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 770/1994/1

Kawza fil-lista: 43

**V T,**
**mart R C f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri P C**
**vs**
**R C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Ottubru 1989 (Dok. A);

Peress illi minhabba sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi dapparti tal-konvenut zewgha l-hajja konjugali bejniethom saret impossibli;

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali b' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 1993 (Digriet Nru. 731/93) (Dok. B);

Peress illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom tifla P li llum ghandha sena u nofs (Dok. C);

Peress illi l-konvenut m' huwiex qed jghaddi manteniment adegwat skont il-ligi lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri;

Peress illi l-attrici trid ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi xjolta u likwidata;

Peress illi inoltre l-attrici ghandha dritt ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali u dotali taghha;

Peress illi fid-19 ta' Jannar 1994 l-attrici assumiet kunjom xbubitha bhala kunjomha a tenur tal-att tas-sena 1993 li jemenda l-Kodici Civili (Emenda Nru. 2) (Dok. D);

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda f' idejn l-attrici l-kura u kustodja legali ta' binthom minuri P C;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici proprio et nomine manteniment xieraq skont il-ligi bil-modalita ta' jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'

zewg porzjonijiet b' mod li jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet l-ohra tal-artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili;

6. Tikkundanna l-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali m' hijix opposta b'dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

2. It-tieni talba hija opposta billi l-imsemmija attrici m'hijix il-persuna adatta biex tiehu hsieb it-tifla minuri mal-kontendenti sew ghaliex il-hinijiet tax-xoghol taghha ma jippermettilhiex illi tiehu hsieb tat-tifla u kif ukoll ghaliex l-attrici matul l-ahhar sena ta' firda uzat lit-tifla bhala forma ta' pressjoni kontra l-eccipjent.

3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-attrici hija kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha peress illi tahdem u di piu' hija tinsab fi grad illi tipprovdi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

4. Illi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici fil-hames talba taghha.

5. Illi l-eccipjent ma jopponix ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi C b'dan pero' illi t-talba tal-attrici ghad-divizjoni tal-assi formanti l-istess komunjoni m'hiex legalment sostenibbli.

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process fil-volum 1

fols.20C sa 20F li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A];

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet maghmula mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process fil-volum 1 fol. 21 u 22 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici B];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia, minnha debitament mahluf;[1]

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2009 li biha gew decizi t-tieni talba tal-azzjoni attrici u t-tielet talba tal-kontro-talba tal-konvenut, rigwardanti l-kura u kustodja tat-tifla P C; [2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija kontra xulxin; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-Awstralja fit-30 ta' Ottubru 1989 ; sussegwentement ghamlu xi zmien joqghodu l-Italja minhabba borza ta' studju li kien ha l-konvenut, izda

[1] Vol.12 – Fos..3371 et seq.
[2] Vol.9 - Fols.2132 et seq.

eventwalment huma gew Malta fejn ghandhom id-dar konjugali.

Fit-2 ta’ Novembru 1992 twieldet f’ Malta t-tifla P.

Illi jidher li, mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali taghhom il-partijiet kellhom kwistjonijiet li ma kienux kapaci jsolvu, bir-rizultat li, wara konvivenza qasira izda turbulenti, il-partijiet isseparaw de facto defenittivament fit-22 ta’ Novembru 1993 ; u, sussegwentement, l-attrici, ottjeniet id-divorzju[3] mill-Qorti Awtraljana b’ effett mis-17 ta’ Settembru 1995 ; f’liema digriet ma gie provdut xejn dwar id-drittijiet u l-obbligi ancillari, inkluzi dawk relattivi ghal kura u kustodja tat-tifla minuri. Fl-10 ta’ Ottubru 2007 l-attrici pprezentat kopja ta’ ittra datata 3 ta’ Ottubru 2003, mibghuta lilha mis-Segretarju tat-“Tribunal of the Catholic Church, Victoria and Tasmania” li permezz taghha hija giet informata li t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg kienet giet milqugha.[4]

Illi l-kura u kustodja tat-tifla P, kien il-meritu ta’ kontestazzjoni akkanita, akrimonuza u twila bejn il-partijiet, partikolarment meta l-attrici bdiet turi l-intenzjoni taghha li tiehu lit-tifla tghix maghha fl-Awstralja, liema fatt kien u ghadu kontestat bl-ahrax mill-konvenut.

Illi permezz tas-sentenza parzjali precitata, din il-Qorti ddecidiet it-talbiet tal-partijiet rigwardanti l-kura u kustodja tal-minuri li llum hija maggjorenni.

**Separazzjoni Personali**

Illi, stante li z-zwieg bejn il-partijiet gie xjolt, u llum gie wkoll dikjarat null, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghas-separazzjoni personali u ghad-dekadenza.

**Manteniment**

---

[3] Vol.2 – fol.235

[4] Vol.8 fol.1803

Illi, stante li t-tifla llum hija maggjorenni, u tenut kont tal-fatt li z-zwieg llum m'ghadux jezisti, it-talba ghall-manteniment futur ma tistax treggi.

Jibqa' pero' il-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet ghall-hlas ta' manteniment arretrat rigwardanti t-tifla meta din kienet ghadha minuri. Jigi osservat li t-tifla kienet ghamlet perijodu twil fil-kura u kustodja ta' missierha, stante li l-attrici kienet siefret lejn l-Awstralja, filwaqt li eventwalment, meta l-attrici rritornat lura Malta, it-tifla giet fdata minn din il-Qorti fil-kura u kustodja t'ommha.

Illi fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut ghar-rapport tal-perit legali, u senjatament ghas-sezzjonijient intestati "Arretrati ta' Manteniment ghal minuri mill-attrici" u "Arretrati ta' Manteiment ghal minuri mill-konvenut" pagni 7 sa 15[5] li kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C].

Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali u taddottahom fl-intier taghhom, salv li tiddikjara li l-pretensjoni attrici ma tistax tintlaqa', u qed tigi rigettata, stante li din naqset li tressaq provi sodisfacenti fir-rigward.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi anke f'dan ir-rigward, il-Qorti taddotta il-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti", salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, u li din il-Qorti tikkonsidrahom bhala legalment korretti u sostanzjalment gusti. Kopja tal-kontenut li jinsabu pagni 15 sa 28[6] qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici D].

Ghalhekk, il-Qorti qed tassenja lill-konvenut sehem l-attrici fil-fond numru Pembroke, b'mod li l-istess fond gie li jappartjeni lill-konvenut R C fl-intier tieghu; din l-

[5] Vol.12 – Fols.3377 sa 3385
[6] Vol.12 – Fols.3385 - 3398

assenjazzjoni ghandha taghmel tajjeb ghas-sehem tal-attrici tal-ispejjez fl-istess fond, u tal-pagamenti tal-*home loan* maghmula unikament mill-konvenut. Inoltre, il-konvenut jibqa' unikament responsabbli ghall-bilanc tal-*home loan*.

Illi min-naha tieghu l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' LM8,326 [illum €19,394] rapprezentanti nofs l-ammont ta' LM16,651 [illum €38,786] zbankati minnu bejn Dicembru 1992 u Settembru 1993.

Illi s-somma ta' hames t'elef, mija, tlieta u ghoxrin ewro [€5,123] rapprezentanti sehem l-attrici mill-valur tal-kumpanija Gauda Company Limited, li llum m'ghadhiex tezisti ghandha tigi wkoll pacuta mal-ispejjez maghmula ma' sehemha mill-ispejjez inkorsi mill-konvenut fid-dar konjugali.

**Proprjeta' Parafernali**

Illi anke f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-pagni 28 sa 32[7] u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici E].

Il-Qorti taqbel li sehem il-konvenut fil-fond Paola huwa kollu tieghu, u m'ghandu jghaddi xejn lill-attrici fir-rigward.

Illi rigward il-mobbli, il-Qorti tordna li l-attrici tirritorna lill-konvenut l-kollana tad-deheb u l-locket tad-deheb, curkett taz-zwieg tal-konvenut, u curkett tal-precett tieghu b'fossa tar-rubini, u brazzuletta tad-deheb antik t'ommu fi zmien gimghatejn, u fin-nuqqas, l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' elfejn tlett mija, disa' u ghoxrin ewro [€2,329].

Illi rigward l-ammont ta' sbatax-il elf, disa' mitt ewro [€17,900], il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici din is-somma parafernali taghha; filwaqt li l-kumplament tal-krediti parafernali, indikati mill-perit legali, ghandhom jigu

[7] Vol.12 – Fols. 3398 - 3402

kkunsidrati pacuti mas-sehem taghha fl-ispejjez tad-dar inkorsi mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, stante li z-zwieg gie xjolt, u sussegwentement annullat, fil-mori tal-kawza;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li dina giet deciza permezz tas-sentenza parzjali;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba talba limitatament ghall-qasma tal-proprjeta' in komuni bejn il-partijiet, u tordna li din tinqasam kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Proprjeta' Parafernali';

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel u tat-tieni talba;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba;
[3] tichad ir-raba' talba;
[4] tichad il-hames talba;
[5] tilqa' is-sitt talba fis-sens fuq gja' deciz;
[6] tilqa' s-seba' talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Proprjeta' Parafernali';
[7] tilqa' t-tmien talba;
[8] tilqa' id-disa' talba;

L-ispejjez tal-azzjoni u tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------